

Brussell, 2 ta' Ġunju 2022  
(OR. en)

9709/22

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2022/0178(NLE)**

---

**ECOFIN 530**  
**UEM 137**

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	2 ta' Ġunju 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 281 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (KE) Nru 974/98 fir-rigward tal-introduzzjoni tal-euro fil-Kroazja

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 281 final.

---

Mehmuż: COM(2022) 281 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 1.6.2022  
COM(2022) 281 final

2022/0178 (NLE)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 974/98 fir-rigward tal-introduzzjoni tal-euro fil-  
Kroazja**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

Fl-1 ta' Ġunju 2022, il-Kummissjoni ħarġet proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 140(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("it-Trattat"), li tindika li l-Kroazja tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-adozzjoni tal-euro u li d-deroga tal-Kroazja tiġi rrevokata b'effett mill-1 ta' Jannar 2023.

Jekk ikun hemm deċiżjoni pożittiva, il-Kunsill sussegwentement ikollu jieħu l-miżuri neċessarji l-oħra għall-introduzzjoni tal-euro fil-Kroazja.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 974/98 dwar l-introduzzjoni tal-euro<sup>1</sup> jirregola l-introduzzjoni inizjali tal-euro fl-Istati Membri li kienu fl-ewwel grupp taż-Żona tal-Euro u fil-Greċja<sup>2</sup>. Dan ir-Regolament ġie emendat bi:

- ir-Regolament (KE) Nru 2169/2005, biex iħejji għal tkabbir fil-ġejjieni taż-Żona tal-Euro
- ir-Regolament (KE) Nru 1647/2006, biex ikopri lis-Slovenja (li adottat l-euro fl-1 ta' Jannar 2007)
- ir-Regolament (KE) Nru 835/2007, biex ikopri lil Ċipru (li adotta l-euro fl-1 ta' Jannar 2008)
- ir-Regolament (KE) Nru 836/2007, biex ikopri lil Malta (li adottat l-euro fl-1 ta' Jannar 2008)
- ir-Regolament (KE) Nru 693/2008, biex ikopri lis-Slovakkja (li adottat l-euro f'Jannar 2009).
- ir-Regolament (UE) Nru 670/2010, biex ikopri lill-Estonja (li adottat l-euro f'Jannar 2011)
- ir-Regolament (UE) Nru 678/2013, biex ikopri lil-Latvja (li adottat l-euro f'Jannar 2014).
- ir-Regolament (UE) Nru 827/2014, biex ikopri lil-Litwanja (li adottat l-euro f'Jannar 2015).

Biex il-Kroazja tkun koperta wkoll mir-Regolament (KE) Nru 974/98, jeħtieġ li ma' dak ir-Regolament tiżdied referenza għal dan l-Istat Membru. Din il-proposta fiha l-emendi meħtieġa għal dak ir-Regolament.

Il-Pjan Nazzjonali tal-Kroazja għall-Bidla għall-Euro jispeċifika li x-xenarju "big bang" jenħtieġ li jkun applikabbli, jiġifieri li l-adozzjoni tal-euro bħala l-munita tal-

---

<sup>1</sup> ĠU L 139, 11.5.1998, p. 1.

<sup>2</sup> Ara r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2596/2000 tas-27 ta' Novembru 2000 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 974/98 dwar l-introduzzjoni tal-euro (ĠU L 300, 29.11.2000, p. 2).

Kroazja u l-introduzzjoni tal-karti tal-flus u l-muniti tal-euro fil-Kroazja jenħtieġ li jikkoinċidu.

## **2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT**

Id-diskussjonijiet mal-Istati Membri dwar l-isfidi tal-politika ekonomika fl-Istati Membri jsiru taħt diversi intestaturi fuq bażi regolari fil-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju (KEF) u l-ECOFIN/Grupp tal-Euro. Dawn jinkludu diskussjonijiet informali dwar kwistjonijiet speċifikament rilevanti għat-tnejjija ta' dħul eventwali fiż-Żona tal-Euro (inklużi l-politiki dwar ir-rata tal-kambju). Id-djalogu ma' akkademiċi u gruppi interessati oħra jsir f'konferenzi/seminars u fuq bażi *ad hoc*.

L-iżviluppi ekonomiċi fiż-Żona tal-Euro u l-Istati Membri huma vvalutati permezz tad-diversi proċeduri tal-koordinazzjoni u s-sorveljanza tal-politika ekonomika (b'mod partikolari skont l-Artikolu 121 tat-Trattat), kif ukoll fil-kuntest tal-monitoraġġ u l-analiżi regolari tal-Kummissjoni tal-iżviluppi speċifiċi għall-pajjiż u għaż-żona kollha (inklużi tbażsriet, serje ta' pubblikazzjonijiet regolari, u kontribut għall-KEF u l-ECOFIN/Eurogroup). F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità u f'konformità mal-prattika tal-passat, mhi meħtieġa l-ebda valutazzjoni tal-impatt formali.

## **3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA**

### **3.1. Bażi legali**

Il-baży ġuridika għall-proposta preżenti hija l-Artikolu 140(3) tat-Trattat, li jippermetti li jiġu adottati l-miżuri l-oħra meħtieġa għall-introduzzjoni tal-euro fl-Istat Membru li d-deroga tiegħu tkun tħassret skont Artikolu 140(2) tat-Trattat.

Il-Kunsill jaġixxi bl-unanimità tal-Istati Membri li għandhom l-euro bħala l-munita tagħhom u tal-Istat Membru kkonċernat fuq proposta tal-Kummissjoni u wara konsultazzjoni mal-BĊE.

### **3.2. Sussidjarjetà u proporzjonalità**

Il-proposta taqa' fil-kompetenza esklussiva tal-Unjoni. Il-prinċipju tas-sussidjarjetà għalhekk ma japplikax.

Din l-inizjattiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex tikseb l-oġettiv tagħha, u għalhekk, hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità.

### **3.3. Għażla tal-istrument legali**

Regolament huwa l-uniku strument legali xieraq biex jiġi emendat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 974/98 dwar l-introduzzjoni tal-euro.

## **4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA**

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni għall-baży tal-Unjoni.

## 5. KUMMENTARJU DWAR ARTIKOLI INDIVIDWALI

### 5.1. Artikolu 1

F'konformità mal-Artikolu 1(a) u l-Artikolu 1a tar-Regolament (KE) Nru 974/98, it-tabella fl-Anness għal dan ir-Regolament telenka l-Istati Membri li qed jipparteċipaw u tiddefinixxi d-data tal-adozzjoni tal-euro, id-data ta' bidla fil-flus kontanti, u l-perjodu "ta' eliminazzjoni gradwali", jekk ikun applikabbli, għal dawn l-Istati Membri kollha.

Skont l-Artikolu 1 (i) tar-Regolament (KE) Nru 974/98 il-perjodu ta' "eliminazzjoni gradwali" jista' japplika biss fl-Istati Membri fejn id-data tal-adozzjoni tal-euro u l-bidla fil-flus kontanti jseħħu fl-istess jum. Dan ma kienx il-każ għall-ħdax-il Stat Membru li adottaw l-euro fl-1 ta' Jannar 1999, u lanqas għall-Greċja, li adottat l-euro fl-1 ta' Jannar 2001.

Id-data tal-adozzjoni tal-euro u l-bidla tal-flus kontanti fis-Slovenja, Ċipru, Malta, is-Slovakkja, l-Estonja u l-Litwanja kienet koinċidenti (l-1 ta' Jannar 2007 għas-Slovenja, l-1 ta' Jannar 2008 għal Ċipru u Malta, l-1 ta' Jannar 2009 għas-Slovakkja, l-1 ta' Jannar 2011 għall-Estonja, l-1 ta' Jannar 2014 għal-Latvja, l-1 ta' Jannar 2015 għal-Litwanja), iżda l-pajjiżi għażlu li ma jkollhomx perjodu ta' "tneħħija gradwali".

Barra minn hekk, il-Pjan Nazzjonali għall-Bidla għall-Euro tal-Kroazja jistabbilixxi l-istess data għall-adozzjoni tal-euro u għad-data tal-bidla tal-flus kontanti (l-1 ta' Jannar 2023), u l-Kroazja għażlet li ma jkollhiex perjodu ta' "tneħħija gradwali".

Dan l-Artikolu jżid lill-Kroazja u d-data rilevanti li ġejja għal dan l-Istat Membru fit-tabella fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 974/98 fl-ordni tal-protokoll.

Stat Membru	Data għall-adozzjoni tal-euro	Data tal-bidla tal-flus kontanti	Stat Membru b'perjodu ta' "tneħħija gradwali"
"il-Kroazja	fl-1 ta' Jannar 2023.	fl-1 ta' Jannar 2023.	Le"

### 5.2. Artikolu 2

Dan l-Artikolu jistabbilixxi d-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament bħala l-1 ta' Jannar 2023, filwaqt li jiżgura li jkun applikabbli f'konformità mat-twaqqit tal-atti l-oħra tal-Kunsill relatati mal-adozzjoni tal-euro mill-Kroazja, jiġifieri d-data li fiha d-deroga tiġi rrevokata u d-data li fiha tidħol fis-seħħ ir-rata ta' konverżjoni għall-kuna Kroata.

Proposta għal

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL

### li jemenda r-Regolament (KE) Nru 974/98 fir-rigward tal-introduzzjoni tal-euro fil-Kroazja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 140(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 974/98<sup>(3)</sup> jipprovdi għas-sostituzzjoni tal-euro għall-muniti tal-Istati Membri li ssodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa għall-adozzjoni tal-euro fiż-żmien meta l-Komunità daħlet fit-tielet stadju tal-unjoni ekonomika u monetarja.
- (2) Skont l-Artikolu 5 tal-Att ta' Adeżjoni tal-2012, il-Kroazja hija Stat Membru b'deroga, kif definit fl-Artikolu 139(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it- "Trattat").
- (3) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2022/.../UE ta' ..... 2022 dwar l-adozzjoni tal-euro mill-Kroazja fl-1 ta' Jannar 2023<sup>(4)</sup>, il-Kroazja tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-adozzjoni tal-euro u d-deroga favur il-Kroazja għandha titħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2023.
- (4) L-introduzzjoni tal-euro fil-Kroazja teħtieġ l-estensjoni għall-Kroazja tad-dispożizzjonijiet eżistenti dwar l-introduzzjoni tal-euro li huma stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 974/98.
- (5) Il-Pjan Nazzjonali tal-Kroazja għall-Bidla għall-Euro jispeċifika li l-karti tal-flus u l-muniti tal-euro għandhom isiru valuta legali f'dak l-Istat Membru fil-jum tal-introduzzjoni tal-euro bħala l-munita tiegħu. B'konsegwenza ta' dan, id-data tal-introduzzjoni tal-euro u d-data ta' bidla fil-munita għandha tkun l-1 ta' Jannar 2023. Jenħtieġ li ma japplika l-ebda perjodu ta' "eliminazzjoni gradwali".
- (6) Jenħtieġ għalhekk, li r-Regolament (KE) Nru 974/98 jiġi emendat kif jixraq,

<sup>3</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 974/98 tat-3 ta' Mejju 1998 dwar l-introduzzjoni tal-euro (ĠU L 139, 11.5.1998, p. 1).

<sup>4</sup> ĠU L [...], [...], p. [...].

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 974/98 huwa emendat tiddaħħal ir-ringiela li ġejja fit-tabella, bejn l-entrati għal Franza u l-Irlanda:

“il-Kroazja	fl-1 ta' Jannar 2023.	fl-1 ta' Jannar 2023.	Le”
-------------	-----------------------	-----------------------	-----

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2023.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*